MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1134/2004

**Carmelo Buhagiar**

**vs**

**John Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Mejju tas-sena 2004 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500) jew somma verjuri rapprezentanti l-valur ta' diversi oggetti senjatament karozza tal-marka Humber bin-numru ta' registrazzjoni KAO 186 u ohra tal-marka volvo bin-numru ta' registrazzjoni DAO 706 kif ukoll karru ta' dghajsa u karru li fuqu jingarr mutur tal-hart liema oggetti gew depositati taht ir-responsabbilita tal-konvenut li jpoggihom gewwa garage li jinsab fi triq il-Qasbi limiti ta' San Gwann u dana peress illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jirritorna dawn l-oggetti baqa inadempjenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta l-ittra interpellatorja datata 21 ta' Jannar 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Gunju 2004 fejn ikkontesta it-talba tal-attur ghal numru ta' ragunijiet cioe:-

1. Illi ma kien hemm ebda ftehim li l-erba' oggetti msemmija kellhom jigu depositati f'idejn il-konvenut u qatt ma kien hemm il-kunsens tieghu ghat-thollija ta' dawn l-oggetti fil-proprjeta' tieghu tant illi dawn l-oggetti tqieghdu fi hwejgu as insaputa tieghu waqt li kien rikoverat l-isptar;

2. Illi ma hux minnu li l-imsemmija oggetti inzammu mill-konvenut gewwa garaxx tieghu izda gew introdotti abbuzivament u abbandunati go ghalqa tal-konvenut retrostanti l-istess garaxx u dana fi zmien li l-hajt ta' mat-triq konfinanti l-ghalqa kien temporanjament imwaqqa u iffacilita d-dhul gol-ghalqa;

3. Illi l-oggetti kienu gew deliberatament abbandunanti fl-ghalqa tal-konvenut bi skop preciz u qarrieqi li min telaqhom hemm jittanta jivvanta xi pretenzjoni kontra l-konvenut kif qed jaghmel l-attur;

4. Illi l-attur ma ghandu ebda nteress guridiku peress illi l-oggetti abbandunati m'humiex proprjeta' tieghu u f'kull kaz ma ghandhom ebda valur ta' xejn billi kienu mitluqa fl-ghalqa kompletament distrutti;

5. Saret riserva biex jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidra

Illi dan huwa kaz ta' kredibbilita' bejn iz-zewg verzjonijiet opposti moghtija mill-partijiet. Filwaqt li l-attur qed jallega li l-imsemmija oggetti gew fdati lill-konvenut taht titolu ta' depositu, l-konvenut jirrespingi tali pretenzjoni u jallega li l-oggetti gew mitluqa ossia abbandunati fl-ghalqa tieghu

minghajr il-kunsens tieghu u di piu liema oggetti kienu minnghajr ebda valur;

Illi ghalkemm dan it-Tribunal kif kostitwit ma kellux l-opportunita' li jisma' x-xhieda hu stess di persona minnhabba tibdil fil-komposizzjoni tieghu, huwa jhoss li mill-provi prodotti hemm certu ndikazzjonijiet cari dwar liema verzjoni ghandha l-aktar mis-sewwa;
Illi qabel xejn jigi rilevat li l-oneru tal-provi fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita' dwar l-ezistenza o meno tar-rabta kontrattwali bilaterali tad-depositu tinkombi fuq l-attur u dan it-Tribunal ghandu jara jekk mill-provi prodotti l-attur wasalx biex issoddisfa legalment u fattwalment tali ezistenza ossia jekk minn-naha l-ohra kienx kaz ta' semplici abbandun ta' oggetti f'ghalqa kif sottomess mill-konvenut;

Illi mill-assjem tal-provi, it-Tribunal ihossu aktar propens li jiskarta l-pretenzjoni tal-attur u jakkolji l-allegazzjoni tal-konvenut bhala aktar veritjiera ghal diversi ragunijiet. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni mhux biss ghax ihoss li l-attur naqas li jressaq provi soddisfacenti u kredibbli dwar il-kwistjoni tad-depositu izda wkoll il-ghaliex jemmen li jezistu diversi fatturi fil-process li jindikaw li l-oggetti in kwistjoni tassew gew mitluqa fl-ghalqa u mhux depositati bil-galbu gewwa l-garage tal-konvenut. Illi in sostenn ta' dan l-argument, it-Tribunal sejjer jaghmel referenza ghal dawn id-diversi fatturi li wassluh biex jemmen il-verzjoni tal-konvenut ghal kuntrarju ta' dik promulgata mill-attur:-

1. L-attur stess ighid li l-oggetti kienu barra mill-garage u mhux gewwa halli jkunu jistghu jhaddmuhom u ftit wara fl-istess nifs ighid li l-konvenut kien qallu li kien harighom barra; Anke Joseph Zammit, xhud tal-attur jikkonferma li l-vetturi kienu barra l-garage. Inoltre dan ix-xhud li kienet l-persuna li hadmet il-karru naqqset ukoll li taghtina valur tal-istess karru;

2. Ma saret ebda kitba jew ta l-anqas xi forma ta ricevuta dwar l-allegat depositu;

3. In kontro-ezami l-attur ighid li ma jiftakarx meta kienu ttiehdu r-ritratti pero certament zmien qabel l-allegat depositu. Illi ghalhekk ma ghandniex prova dwar il-kondizzjoni tal-istess oggetti fil-mument tal-allegat depositu;

4. Jinghad inoltre li huwa nteressanti li jigi rilevat li Paul Buhagiar rapprezentant ta' l-assikurazzjoni Galdes & Mamo jghid li ma sab xejn fir-records taghhom fuq il-vetturi ndikati fl-ingunzjoni tieghu (a fol 39). Dawn kienu proprja iz-zewg vetturi meritu tal-kaz odjern.

5. L-attur inoltre naqas li jgib prova kredibbili dwar il-valur tal-istess oggetti. It-Tribunal ma jhossx li l-prospett maghmul mill-attur pero li ma jinsab iffirmat minn hadd huwa accettabbli fil-kaz in ezami partikolarment meta taf li ghandek kontestazzjoni fuq kollox;

6. L-attur stess jikkonferma li gol-ghalqa in kwistjoni kien jintrema mbarazz minn terzi, anke oggetti kbar bhala fridges u washing machines. Din hija ndikazzjoni li l-ghalqa fil-fatt kienet b'xi mod accessibbli ghal terzi u mhux kif ipprova jaghtina x'nifmu l-attur li stajt tidhol ghaliha biss mill-garage;

7. Il-konvenut ighid li l-hitan tas-sejjigh ta' l-ghalqa kienu twaqqghu bil-maltemp u li kienu damu ma jitrangaw ghal xi sena u nofs peress li f'dak iz-zmien kien dahal l-Isptar. Fiz-zmien meta kienu mwaqqa terzi persuni kienu jarmu l-imbarazz fl-ghalqa fosthom l-istess attur skond il-konvenut tant li kien qallu biex jisbarazzhom; Huwa jichad pero li qatt ta c-cwievet tal-garage lill-attur – fil-fatt kien hemm l-inkwiet bejniethom appuntu minnhabba l-imbarazz li l-attur kien tefa' fl-ghalqa, dejjem skond il-konvenut; Pero fuq hekk huwa kien ghamel rapport l-ghassa. F'hin minnhom in kontro-ezami pero, anke l-attur kien ammetta li kien hemm l-inkwiet bejnu u l-konvenut;

8. Il-konvenut esebixxa diversi ritratti biex jindika x'tip ta' mbarazz kien jintefa minn terzi fl-ghalqa tieghu, liema tfiegh jindika kemm l-ghalqa kienet fil-fatt accessibbli ghal barranin u li mhux tal-bilfors kellha tghaddi mill-garage;

9. Gie notat ukoll ir-rapport ta' vandalizmu li kien ghamel il-konvenut fuq l-art tieghu liema dokument jinsab esebit a fol 49 tal-process;

10. Il-konvenut ighid li l-garage tieghu ma jesax zewg vetturi u trailer;

11. Maryanne Risiott prodotta mill-konvenut tiftakar li l-vetturi tal-attur kienu fl-ghalqa u li kienu f'kondizzjoni hazina (mkissrin u msaddin) tant li wahda minnhom kienet fuq il-gebel; Difatti fl-ghalqa kien hemm aktar imbarazz minnbarra dawn iz-zewg vetturi. Difatti tant kienu fi stat hazin li ma setghetx tarafhom mir-ritratti esebiti mill-attur. Tikkonferma wkoll li l-hajt kien imwaqqa u wiehed seta' facilment jaccedi ghaliha mit-triq u tkompli tghid li hija kienet akkumpanjat lill-konvenut sabiex jinformaw lill-attur inehhi l-imbarazz li kien tefa fl-ghalqa;

12. Noel Borg, xhud iehor prodott mill-konvenut ighid li huwa kien jidhol ta' kull sena fl-ghalqa in kwistjoni bil-permess tal-konvenut biex jaharqu n-nar ghall-festa ta' Sant Antnin. Ic-cavetta dejjem gabarha minghand il-konvenut u lill-attur qatt ma rah fl-ghalqa;

13. Fil-garage qatt ma ra l-oggetti meritu ta' dina l-kawza u jzid ighid li kienu jidhlu go fih sahansitra b'vann zghir. Jikkonferma wkoll li fl-ghalqa kien jara l-imbarazz qishom vetturi skrappjati tant li anqas tinduna l-marka taghhom; Wara huwa stess kien ghen lill-konvenut sabiex inaddaf l-ghalqa mill-imsemmi mbarazz;

Ghal dawn il-mottivi, ghalhekk, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kwindi jichad it-talba tal-attur ghall-hlas bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------